



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 11.2.2025  
COM(2025) 45 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025**

**Nimxu 'l quddiem flimkien: Unjoni aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida**

*“L-akbar sfidi ta’ żminijietna – mis-sigurtà, għat-tibdil fil-klima sal-kompetittività – jistgħu jissolvew biss permezz ta’ azzjoni konġunta. F’dan l-isfond, nemmen li l-Ewropa trid tagħmel l-aħjar għażla li għandha quddiemha: l-Unjoni.”* - il-President Ursula von der Leyen, it-18 ta’ Lulju 2024.

## **1. Lejn Ewropa b’saħħitha u magħquda**

F’perjodu ta’ instabbiltà kbira u ta’ aspettattivi kbar għall-Ewropej, l-għażliet li se tagħmel l-Unjoni tagħna din is-sena aktarx isawru l-Ewropa għad-deċennji li ġejjin. Dan huwa riflessjoni tal-instabbiltajiet kif ukoll l-insigurtajiet li qed tiffaċċja l-Ewropa, espressi minn numri rekord ta’ votanti fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta’ Ġunju li għadda. Dan juri l-iskala tal-isfidi ġenerazzjonali li għandna quddiemna. Iżda huwa wkoll indikattiv ta’ kif Unjoni **aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida** – li tuża d-daqs, is-setgħa u l-valuri tagħha – tista’ tagħmel differenza reali fil-ħajja tan-nies. Kemm biex tappoġġahom fil-preżent, kif ukoll biex tħejji futur aktar sigur, aktar prosperu u aktar b’saħħtu għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Dan il-programm ta’ ħidma tfassal fi sfond imsawwar minn firxa ta’ **sfidi interrelatati**. Il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea jeħtieġ li tissaħħaħ fid-dawl taż-żieda fil-kompetizzjoni ekonomika u t-theddida għall-ordni bbażata fuq ir-regoli. Peress li n-negozji Ewropej illum qed jiffaċċjaw sfidi bħal kompetizzjoni inġusta, kostijiet għoljin tal-enerġija, nuqqas ta’ ħaddiema u ta’ ħiliet u ostakli biex jiġi aċċessat il-kapital, u biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-Ewropa li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, jeħtieġ li nneħħu l-ostakli strutturali fuq il-kompetittività tal-UE. In-negozji u ċ-ċittadini qed jitolbu wkoll regoli li jkunu aktar sempliċi biex jiġu segwiti u azzjoni li tippermetti li l-bidla sseħħ aktar malajr.

L-instabbiltà ġeopolitika u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sawru mill-ġdid x-xenarju tas-sigurtà tal-Ewropa b’mod sinifikanti. Il-migrazzjoni illegali għadha kwistjoni li tqajjem tħassib, fejn in-nies għandhom ikunu fiduċjużi li l-gvernijiet u l-istituzzjonijiet tagħhom se jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni b’mod effettiv, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta’ ħiliet anke permezz tal-migrazzjoni tal-ħaddiema. It-tibdil fil-klima qed ikollu impatt ċar u dejjem aktar sever fuq il-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini u tan-negozji madwar l-Ewropa, kif jixhdu l-bosta avvenimenti estremi tat-temp li sofra l-kontinent tagħna f’dawn l-aħħar snin. Is-soċjetajiet tagħna jeħtieġ li jissaħħu u l-kwalità tal-ħajja tagħna tiġi sostnuta kontinwament – mis-sigurtà alimentari u tal-enerġija tagħna għall-ambjent naturali tagħna. Il-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni tagħna, inkluża d-demokrazija tagħna, jinsabu taħt attakk, b’evidenza ċara ta’ kampanji ta’ interferenza barranija.

Dan kollu jafferma mill-ġdid il-fatt li l-isfidi li tal-Ewropa huma kbar wisq biex jiġu indirizzati individwalment. L-opportunitajiet tagħna huma kbar wisq biex nissfrutawhom waħedna. Hija biss **Unjoni b’saħħitha u magħquda** li tista’ tiżgura li l-Ewropa tkompli tagħti riżultati internament u tipproġetta l-influwenza u l-interessi tagħha fid-dinja. Din l-għaqda tissalvagwardja l-valuri Ewropej tagħna, filwaqt li jitrawwmu d-demokrazija, is-solidarjetà u l-ugwaljanza, u jiġi żgurat kontinent soċjalment ekwu fejn ħadd ma jitħalla jibqa’ lura.

Din hija l-forza mexxejja ta' dan l-ewwel programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-Kulleġġ il-ġdid. Fil-qafas tal-**Linji Gwida Poliċi u l-ittri ta' missjoni** mibgħuta mill-President Ursula von der Leyen lil kull Membru tal-Kulleġġ, dan jiddeskrivi l-inizjattivi ewlenin li l-Kummissjoni se tiegħu fl-ewwel sena tal-mandat tagħha. Dan jiffoka fuq azzjoni kuraġġuża biex jissaħħu **s-sigurtà, il-prosperità u d-demokrazija** tagħna u biex nittrattaw il-kwistjonijiet li huma l-aktar importanti għall-Ewropej. Dan jirrifletti l-ħtieġa – espressa kemm miċ-ċittadini kif ukoll min-negozji — li l-Ewropa ssir **aktar rapida u sempliċi** fil-mod kif naġixxu u ninteraġixxu u niżguraw li l-proposti tagħna jkollhom l-aktar impatt rapidu possibbli biex nappoġġaw lin-nies u nsaħħu l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.

Il-ħtieġa li tingħata spinta lill-investment fil-prijoritajiet tagħna se tikkonċerna l-ħidma kollha tal-Kulleġġ u l-proposta għal baġit fit-tul ġdid se tinkwadra kif dan jista' jinkiseb. Se nieħdu passi biex inħejju ruħna għal Unjoni akbar u nżidu l-isforzi biex nappoġġaw lill-pajjiżi kandidati matul il-proċess ibbażat fuq il-mertu lejn l-adeżjoni tagħhom. Il-kunflitt u t-taqlib fid-dinja tal-lum żiedu wkoll l-għarfien li **Unjoni akbar hija Unjoni aktar b'saħħitha**, li twassal biex il-kontinent tagħna jkun aktar sigur, is-suq tagħna aktar kompetittiv u li d-demokrazija Ewropea ssir aktar ankrata.

## **2. Is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-implimentazzjoni effettiva**

L-UE ilha żmien twil ċentru tal-industrija u l-innovazzjoni, b'ekonomija soċjali tas-suq distintiva. Sabiex tingħata spinta lill-kompetittività, il-prosperità u r-reżiljenza fl-UE, f'Komunikazzjoni li takkumpanja dan il-programm ta' ħidma qed jiġu stabbiliti **viżjoni kif ukoll għodod għal aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni**. Permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet b'saħħithom man-negozji u mal-partijiet ikkonċernati, se neżaminaw it-tfassil u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħna biex nissimplifikaw ir-regolamenti u nimplimentaw il-politiki b'mod aktar effettiv. L-ewwel u qabel kolloxx se tkun ta' benefiċċju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small-and medium-sized enterprises).

Dan il-programm ta' ħidma jippreżenta l-ewwel sett ta' proposti Omnibus li jissimplifikaw diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni, flimkien ma' għadd rekord ta' inizjattivi b'dimensjoni qawwija ta' simplifikazzjoni. Dawn se jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'mill-inqas 25 %, u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs. Dan jinkludi wkoll pjan annwali tal-evalwazzjonijiet u tal-kontrolli tal-idoneità biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni u tat-tnaqqis tal-piżijiet.

Il-**proposti Omnibus**, adottati f'passi sussegwenti, se jindirizzaw setturi ta' prijetà indikati mill-partijiet ikkonċernati u msemmija fir-rapport ta' Draghi. Huma se jikkonċentraw l-isforzi biex jiżguraw il-koerenza, jibnu momentum u b'hekk jimmassimizzaw is-simplifikazzjoni billi jindirizzaw il-konsegwenzi tal-interazzjonijiet ta' biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tipproponi r-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-**rapportar dwar is-sostenibbiltà, id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà u t-tassonomija**, u se toħloq **kategorija ġdida ta' kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja** b'rekwiżiti adattati. Miżuri oħra se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-**programm InvestEU u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**, inkluż billi jissimplifikaw ir-rapportar u jagħtu spinta lill-investment.

Se nħaffu t-triq tagħna lejn ambjent regolatorju diġitali, u se nipproponu li jitneħħew ir-**rekwiżiti ineffiċjenti għall-formati stampati** fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti u li jinbnew sinerġiji u konsistenza għar-regoli dwar il-**protezzjoni tad-data** u **ċ-ċibersigurtà**. **Miżuri ta' simplifikazzjoni li jikkonċernaw il-Politika Agrikola Komuni** u oqsmha ta' politika oħra li jolqtu lill-bdiewa, se jkomplu jindirizzaw sorsi ta' kumplessità u piż amministrattiv eċċessiv fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-bdiewa. Se jiġu esplorati aktar proposti ta' simplifikazzjoni, inkluż omnibus possibbli fil-qasam tad-difiża sabiex jingħata kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet ta' investment li se jiġu stabbiliti fil-White Paper u biex il-kumpaniji innovattivi jkunu jistgħu jirnexxu.

Minbarra l-proposti Omnibus, inizjattivi oħra huma ddedikati għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġu razzjonalizzati l-għoti tal-permessi, l-awtorizzazzjonijiet u r-**rekwiżiti ta' rapportar** u biex l-investment isir aktar faċli fl-Ewropa. Dan jinkludi, pereżempju, **Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali** li se jappoġġa l-industriji intensivi fl-enerġija.

**Il-Pjan Annwali għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità** se jippermettilna nagħtu titwila kritika lejn il-potenzjal li nisimplifikaw, nikkonsolidaw u nikkodifikaw l-acquis tal-UE u nsibu opportunitajiet biex innaqqsu l-kostijiet bħala parti mit-test tal-istress tagħna. L-evalwazzjoni ta' programmi u fondi fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali, se joffru wkoll opportunità biex jiġi vvalutat kif jitnaqqsu l-piżijiet marbuta mal-programmi finanzjarji tal-UE.

Minbarra s-simplifikazzjoni, **l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet u l-politiki tal-UE** hija kruċjali biex jiġi żgurat li dawn jaħdmu kif suppost. Il-Kummissjoni se tikkoopera mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill, mal-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha u mal-partijiet ikkonċernati biex tindirizza l-gold plating, tissimplifika r-regoli u timplimenta l-politiki b'mod aktar effettiv. Dan se jirrikjedi li **l-istituzzjonijiet kollha jieħdu responsabbiltà sħiħa ta' aġenda ambizzjuża ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni**.

Sabiex jitrawwem sens ta' **responsabbiltà komuni mill-istituzzjonijiet kollha** lejn implimentazzjoni aħjar tar-regoli u l-politiki, kull Kummissarju se jippreżenta rapport ta' progress annwali dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni għall-formazzjoni tal-kumitat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rispettivi tagħhom.

**L-involvement mal-partijiet ikkonċernati u l-prattikanti** se jkun il-pedament tal-approċċ tal-Kummissjoni lejn l-implimentazzjoni b'suċċess tar-regoli tal-UE. **Djalogi regolari dwar l-implimentazzjoni** bejn il-Kummissarji u l-partijiet ikkonċernati se jipprovdu opportunitajiet biex nivvalutaw il-progress, nidentifikaw l-oqsmha li jeħtieġu attenzjoni u niġbru feedback dwar x'qed jaħdem u x'mhuwiex.

Meta l-miżuri preventivi u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri ma jkunux biżżejjed biex jiġi evitat ksur tad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni se tkompli tkun **soda fit-tnedija ta' proċeduri ta' ksur**. B'aktar minn 1 500 każ ta' ksur li jinsabu għaddejjin bħalissa, din il-ħidma tibqa' kruċjali biex niżguraw applikazzjoni u infurzar uniformi tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri kollha.

### **3. Inwettqu l-pjan tagħna għas-saħħa u l-unità Ewropea**

#### **3.1. Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa**

L-Ewropa ilha żmien twil ċentru tal-industrija, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, li tħaddan riċerkaturi u universitajiet ta' livell dinji, negozji żgħar prosperi u qafas legali stabbli. Madankollu, it-tellieqa globali għall-kisba tan-newtralità klimatika u li tkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' teknoloġiji li se jsawru l-ekonomija globali għad-deċennji li ġejjin, tippreżenta sfidi sinifikanti. Il-kwistjonijiet strutturali jkomplu jimpedixxu l-kompetittività tal-Ewropa, peress li n-negozji jiffaċċjaw ambjent globali volatili kkaratterizzat minn kompetizzjoni inġusta, ktajjen tal-provvista fraġli, kostijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu, nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u aċċess limitat għall-kapital. Bil-ħsieb li dan jiġi miġġieled, il-**Boxxla għall-Kompetittività** se tidderieġi l-isforzi tagħna matul il-mandat biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, prijorità ewlenija għal din il-Kummissjoni.

Is-suq uniku Ewropew se jkun parti ċentrali mill-kompetittività futura tagħna. Is-suq uniku, li huwa fost l-aqwa kisbiet tal-UE, jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u jagħmel il-ħajja ta' kuljum aktar faċli għan-negozji u l-konsumaturi Ewropej. Permezz tal-**Istrateġija għas-Suq Uniku**, se nippreżentaw strateġija orizzontali ġdida għal suq uniku modernizzat. Din se tistabilixxi perkors ċar lejn l-iffaċilitar ulterjuri tal-forniment transfruntier ta' servizzi u oġġetti. L-istrateġija se tħares ukoll lejn l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli eżistenti u lejn l-eliminazzjoni tal-ostakli biex tingħata spinta lill-potenzjal tan-negozji kompetittivi tal-UE. Suq uniku b'saħħtu jeħtieġ ukoll mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġusta u effettiva madwar l-Unjoni. Fl-istess ħin, l-integrazzjoni bikrija u gradwali tal-pajjiżi kandidati f'partijiet tas-suq uniku se ttejjeb il-ktajjen tal-valur Ewropej u tiffaċilita l-proċess ta' konverġenza.

Se niffukaw b'mod partikolari fuq negozji ġodda u li qed jikbru biex nindirizzaw kwistjonijiet li jaffettwaw lill-**kumpaniji start-up u scale-up tal-UE**, inkluż dwar l-aċċess għall-finanzi u l-infrastruttura, id-dħul fi swieq ġodda, il-kisba tad-data u li jiġi attirat it-talent meħtieġ. Din il-ħidma se twitti t-triq għal Att għall-Innovazzjoni li l-Kummissjoni se tipproponi aktar tard fil-mandat. Sabiex tgħin lill-kumpaniji innovattivi jinvestu u joperaw fis-suq uniku mingħajr ma jiffaċċjaw 27 reġim legali distinti, il-Kummissjoni se taħdem għall-ħolqien tat-28 reġim legali biex tissimplifika r-regoli applikabbli u tnaqqas il-kost tal-falliment, inkluż kwalunkwe aspett rilevanti tal-liġi korporattiva, l-insolvenza, ix-xogħol u l-liġi tat-taxxa.

Fil-qalba tal-pjan kollaborattiv tagħna għad-dekarbonizzazzjoni, is-sostenibbiltà u l-kompetittività hemm il-**Patt għal Industrija Nadifa**. Din l-inizjattiva se tiddekrivi l-istrateġiji urġenti u fuq terminu qasir tagħna biex nappoġġaw u noħolqu l-aħjar kundizzjonijiet biex l-industrija terġa' tikseb il-kompetittività filwaqt li tiddekarbonizza. Dan se jgħin biex l-Ewropa tilħaq l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li ttejjeb l-aċċess għall-enerġija affordabbli, toħloq swieq ewlenin u tagħti spinta lid-domanda u l-provvista ta' materjali, prodotti u servizzi ċirkolari, kif ukoll issaħħaħ is-sigurtà ekonomika. Flimkien ma' dan, se nipproponu pjan ta' azzjoni biex l-enerġija tkun aktar affordabbli għall-Ewropa biex jissaħħaħ il-Patt għal Industrija Nadifa. Se niżviluppaw ukoll Qafas ġdid għall-għajjnuna mill-Istat biex naċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, insaħħu d-dekarbonizzazzjoni

industrijali u niżguraw kapaċitajiet suffiċjenti tal-manifattura għat-teknoloġija nadifa. U se nsaħħu l-investment fl-enerġija nadifa, inkluż billi nisfruttaw il-kapital privat.

Dan l-isforz se jkun marbut ma' sett komprensiv ta' miżuri dwar l-integrazzjoni tal-enerġija, biex b'hekk tiġi indirizzata l-ħtieġa tal-Ewropa għal infrastruttura tal-grilja aġġornata u diġitalizzata, b'enfasi partikolari fuq il-grilja elettrika. Dan se jesplora metodi għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tat-tiżnin u t-tkessiħ tal-Ewropa u se jintegra liċ-ċittadini u lill-komunitajiet bħala parteċipanti ewlenin fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Se nadottaw ukoll **pjan direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa** biex inkomplu nnaqqsu d-dipendenzi tagħna u b'mod gradwali neliminaw kompletament l-importazzjonijiet kollha tal-enerġija mir-Russja. Il-Kummissjoni se tressaq ukoll il-Programm Indikattiv Nukleari għall-2025 u se tippreżenta pjan strateġiku għall-Alleanza Industrijali Ewropea dwar ir-Reatturi Modulari Żgħar (SMRs, Small Modular Reactors) biex tappoġġa l-aċċellerazzjoni tal-SMRs.

Parti mill-Patt għal Industrija Nadifa se tkun ukoll li l-industriji ewlenin fl-Ewropa jsiru aktar ċirkolari u sostenibbli, filwaqt li tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni u jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità biex tingħata spinta lill-kompetittività. Pakkett tal-industrija tas-sustanzi kimiċi se jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE u jipprovdi reġim aktar sempliċi għar-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi u ċarezza dwar "sustanzi kimiċi dejjema". Ir-**reviżjoni mmirata tar-regoli tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi (REACH)** se tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tar-regoli għall-industrija tas-sustanzi kimiċi mingħajr ma tikkomprometti s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali.

Biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tant meħtieġ għall-investment u l-opportunitajiet ta' finanzjament, **l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti** se tipprovdi pjan ta' azzjoni ewlieni għal miżuri biex jinħoloq suq intern veru għall-kapital, li jgħin lill-istituzzjonijiet finanzjarji jiksbu skala u jsiru aktar kompetittivi fis-suq globali, filwaqt li fl-istess ħin jagħti kontribut importanti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament mingħajr preċedent tal-UE. Dan se jinkludi **rieżami tal-Qafas tat-Titolizzazzjoni**, imfassal biex jistimula l-finanzjament privat u jkompli jagħti spinta lill-kompetittività. Barra minn hekk, permezz tal-**Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività**, li tikkomplementa s-Semestru Ewropew, se nallinjaw ir-riformi u l-investimenti, kemm privati kif ukoll pubbliċi, fil-livell nazzjonali u tal-UE biex inwettqu aħjar il-prijoritajiet ta' politika tagħna.

Il-Patt għal Industrija Nadifa se jimxi wkoll id f'id mal-**mira** proposta **għat-tnaqqis ta' 90 % tal-emissjonijiet għall-2040** li għandha tiġi minqusa fil-**Liġi Ewropea dwar il-Klima** tagħna. Qabel il-laqgħa tal-**COP30** f'Belem, il-Brażil f'Novembru 2025, se nistabbilixxu l-viżjoni globali tagħna dwar il-klima u l-enerġija.

Il-Kummissjoni se tfittex li tuża **x-xjenzi tal-ħajja Ewropej** biex tixpruna l-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija, tiġbor flimkien ir-riżorsi, telimina l-ostakli regolatorji, tisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-data u l-intelliġenza artifiċjali (IA), u tagħti spinta lill-varar. Filwaqt li tibni fuq dan l-għarfien prattiku, bijoekonomija prospera se tkun kruċjali biex tinżamm it-tmexxija industrijali tal-UE u biex l-industriji tagħna jsiru reżiljenti għall-isfidi tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis. L-**Istrateġija dwar il-Bioekonomija** se tippromwovi l-

produzzjoni, l-użu u l-konsum aktar ċirkolari u sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi għall-ikel, il-materjali, l-enerġija u s-servizzi.

Is-sinsla ta' ekonomija prospera u ta' industrija b'saħħitha se tkun sistema tat-trasport sostenibbli li tiffunzjona tajjeb, li tibqa' valida fil-futur u li tippermetti li l-prodotti jintbagħtu mingħajr xkiel bejn il-modi tat-trasport u l-fruntieri. Il-Kummissjoni se tressaq **Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli**, qafas strateġiku għall-appoġġ tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni sostenibbli tal-fjuwils tat-trasport. Dan se jinkludi miżuri li jappoġġaw l-introduzzjoni aċċellerata tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil u sħubijiet iddedikati għall-kummerċ ekoloġiku u l-investment ma' pajjiżi terzi dwar fjuwils tat-trasport rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

L-aktar prekondizzjoni importanti għal ekonomija diġitali prospera hija infrastruttura diġitali affidabbli u ta' kapaċità għolja. Għalhekk, l-**Att dwar in-Networks Diġitali** se johlq opportunitajiet għall-operat tan-network transfruntier u għall-forniment tas-servizzi, se jtejjeb il-kompetittività tal-industrija u se jtejjeb il-koordinazzjoni tal-ispettru.

Flimkien ma' aċċess imtejjeb għad-data, appoġġat minn Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA, se naħdmu wkoll biex nagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali. Dan se jkun l-għan tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA li jkopri l-**Fabbriki tal-IA li jagħtu spinta lill-ekosistemi kompetittivi tal-IA fl-Ewropa** kif ukoll l-**Istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA**. Permezz tal-**Istrateġija Kwantistika tal-UE**, segwita minn Att Kwantistiku, se nżommu pożizzjoni globali ewlenija f'dan is-settur kritiku, nissalvagwardjaw l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija u s-sigurtà, u nevitaw sitwazzjoni ta' dipendenza strateġika fuq sorsi mhux tal-UE. L-istrateġija se tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet tagħna stess għar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji kwantistiċi, u għall-produzzjoni ta' apparati u sistemi bbażati fuqhom.

Permezz tal-**Kartiera Ewropea tan-Negożju**, se nissimplifikaw l-iskambji għan-negożju minn negożju għal negożju u min-negożji għall-gvern. Minbarra li tiffaċilita l-iskambju sigur tad-data, il-kartiera tan-negożju tiftaħ opportunitajiet ġodda ta' negożju għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji.

L-operazzjonijiet spazjali huma kruċjali għall-ekonomija konnessa tagħna, inkluż servizzi innovattivi bħall-monitoraġġ ambjentali u klimatiku. Biex nistabbilixxu qafas tal-UE li jirregola l-imġiba tal-operaturi spazjali Ewropej u li jipprovdi ambjent tan-negożju stabbli, prevedibbli u kompetittiv, se nippreżentaw **Att dwar l-Ispazju**. Dan se jindirizza wkoll il-kwistjoni dejjem tikber tar-residwi spazjali u l-impatt ambjentali tal-attivitajiet spazjali. Se nieħdu wkoll passi biex nissfuttaw aħjar il-benefiċċji tal-ekonomija spazjali.

### **3.2. Era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropea**

L-avvenimenti ġeopolitiċi reċenti jenfasizzaw għal darb'oħra li s-sigurtà Ewropea trid tiġi protetta, biex jiġu ggarantiti l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità tal-ekonomiji u tas-soċjetà tagħna. **It-tisħiħ tal-preparatezza għall-kriżijiet u l-istat ta' thejjiha fir-rigward tad-difiża tal-Ewropa** hija għalhekk kwistjoni ta' **urġenza** fejn l-UE u l-Istati Membri tagħha qed

jiffaċċjaw theddid u kriżijiet multidimensjonali, kumplessi u transfruntiera. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna toħloq theddida eżistenzjali għas-sigurtà Ewropea u l-appoġġ tagħna għall-Ukrajna jrid ikompli mingħajr waqfien. L-Ewropa għandu jkollha l-mezzi biex tiddefendi u tipproteġi lilha nnifisha u biex tiskoraġġixxi avversarji potenzjali – ma nistgħux nieħdu r-riskju li ma nkunux ppreparati jew li nkunu dipendenti żżejjed fuq oħrajn. Irridu **nibnu Unjoni tad-Difiża tal-UE reali** b'industrija tad-difiża kompetittiva. Jeħtieġ li l-Ewropa tinvesti aktar, tinvesti aħjar, ninvestu flimkien u ninvestu f'dak li hu Ewropew. Se naħdmu f'**kooperazzjoni mill-qrib man-NATO** u ma' sħab mill-qrib oħra u se nagħtu spinta lill-investment biex insaħħu l-bażi industrijali tad-difiża tagħna u l-infrastruttura b'użu doppju. Flimkien mar-Rappreżentant Għoli, se nippreżentaw **White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea**, biex inniedu konsultazzjoni wiesgħa dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ħtiġijiet ta' investment fid-difiża u l-kapaċitajiet kritiċi tad-difiża kif ukoll l-għażliet ta' finanzjament.

Mis-sigurtà u l-istabbiltà ekonomika għall-klima, it-teknoloġija u s-saħħa pubblika, ma nistgħux nibqgħu sempliċiment nirreaġixxu għall-kriżijiet hekk kif iseħħu. Irridu nsaħħu lill-Ewropa biex tantiċipa, tipprevjeni u tipprepara aħjar għall-kriżijiet. Hekk kif jiffaċċaw theddid u insigurtajiet globali ġodda, spiss ta' natura ibrida, l-**Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza** se sservi bħala l-pedament għal Unjoni aktar b'saħħitha, preparata aħjar u aktar reżiljenti, li tibni fuq ir-rapport speċjali ta' Sauli Niinistö. Din se tkun ikkomplementata minn sforzi **biex jiġu appoġġati kontromiżuri mediċi kontra t-theddid għas-saħħa pubblika u Strateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE**, li t-tnejn li huma għandhom l-għan li jtejbju l-preparatezza u r-rispons tagħna għat-theddid transfruntier. Permezz tal-**Att dwar il-Mediċini Kritiċi**, se nnaqqsu d-dipendenzi għall-mediċini u l-ingredjenti kritiċi, fejn hemm biss ftit manifatturi jew pajjiżi fornituri.

Sabiex tindirizza t-theddid għas-sigurtà dejjem aktar kumpless u transfruntier li qed tiffaċċja l-Ewropa, l-**Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna l-ġdida** se tippreżenta sett komprensiv ta' azzjonijiet biex tkun tista' tantiċipa t-theddid, kif ukoll issaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċitajiet tal-UE għall-prevenzjoni u r-rispons għal reati u theddid ġodda u eżistenti. Id-**Direttiva dwar it-Traffikar tal-Armi tan-Nar** se tipprovdi standards komuni tal-liġi kriminali dwar it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, filwaqt li r-**regoli l-ġodda dwar il-prekursuri tad-droga** se jnaqqsu d-disponibbiltà tagħhom għall-manifattura illeċita tad-drogi u se jagħmlu l-miżuri ta' kontroll aktar effiċjenti. Biex tiffaċċja theddid li qed jinbidel, il-Kummissjoni se tressaq aktar proposti biex tipproteġi u ssaħħaħ aħjar ir-reżiljenza tal-infrastruttura fiżika u diġitali. Billi nibnu fuq il-**pjan ta' azzjoni tagħna dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa**, se nikkontribwixxu għall-kapaċità li nipprevjenu inċidenti taċ-ċibersigurtà f'dan il-qasam estremament sensitiv. Se nagħtu wkoll biex niproteġu aħjar l-**infrastruttura tagħna ta' taħt il-baħar**, b'mod partikolari l-**kejlibs tat-telekomunikazzjoni**, li huma parti essenzjali mill-infrastruttura diġitali kritika tagħna u li huma dejjem aktar soġġetti għal theddid ibridu.

Lil hinn mir-rwol tagħha fit-trawwim tal-mobbiltà, il-politika tal-UE dwar il-viżi għandha wkoll ingranaġġ ġeopolitiku sinifikanti. Għalhekk se naħdmu biex insaħħu l-interessi tal-UE fil-politika tagħna dwar il-viżi f'ambjent globali dejjem aktar kumpless.

Se nintensifikaw l-isforzi biex **nimplimentaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**. Dan jirrikjedi azzjoni koordinata u effettiva biex jiġi żgurat approċċ li jkun sod u ġust, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-fruntieri tal-UE u proċeduri tal-ażil u tar-ritorn aktar rapidi, filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Dan se jirrikjedi wkoll kooperazzjoni mill-qrib u kontinwa permezz ta' sħubijiet komprensivi mal-ġirien tal-Lvant u tan-Nofsinhar biex jgħinu fil-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali. B'rabta ma' dan, l-ewwel **Strateġija Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** tagħna ta' ħames snin se tistabbilixxi qafas strateġiku u li jħares 'il quddiem għal ħidma kontinwa skont il-Patt, abbażi tal-istrateġiji nazzjonali komprensivi dwar il-migrazzjoni u l-ażil tal-Istati Membri tal-UE. Fl-istess ħin, jeħtieġ li niġġieldu kontra n-networks tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u b'hekk nipprevjenu wkoll aktar telf ta' ħajjiet. Neħtieġu wkoll proċeduri ta' ritorn aktar b'saħħithom u aktar effettivi għal persuni mingħajr dritt legali li jibqgħu fl-UE, li jikkomplementaw il-ħidma mas-sħab tagħna minn pajjiżi terzi biex tissaħħaħ ir-riammissjoni. Biex nikkomplementaw il-Patt, se nippreżentaw **approċċ komuni ġdid dwar ir-ritorni**, b'qafas leġislativ ġdid biex jitħaffef u jiġi ssimplifikat il-proċess ta' ritorn, flimkien ma' ħidma ma' pajjiżi terzi sħab biex tissaħħaħ ir-riammissjoni. Dan l-approċċ il-ġdid se jisfrutta wkoll il-potenzjal kollu tad-diġitalizzazzjoni.

### **3.3. Nappoġġaw lin-nies, insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna**

Il-mudell soċjali uniku u ferm prezzjuż tal-Ewropa jikkostitwixxi kemm pedament tas-soċjetà kif ukoll vantaġġ kompetittiv. Madankollu, dan iffaċċja sfidi peress li l-kriżijiet reċenti ħallew impatt fuq l-għoli tal-ħajja, l-akkomodazzjoni u l-inugwaljanzi. Dan huwa aggravat aktar mill-bidliet teknoloġiċi rapidi, it-tibdil demografiku u t-tranżizzjonijiet settorjali li għaddejjin bħalissa. Għalhekk, enfasi ewlenija ta' din il-Kummissjoni se tkun li **ssaħħaħ l-ekwità soċjali**. Billi nissalvagwardjaw il-mudell soċjali tagħna u niżguraw l-ekwità f'ekonomija li qed tinbidel, nistgħu nixprunaw il-prosperità billi naħtfu l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Mill-2017, il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ggwidaw l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni fl-impjiegi, il-ħiliet u l-kwistjonijiet soċjali. Dawn il-prinċipji ġew ittrasformati f'azzjonijiet tanġibbli permezz ta' pjan ta' azzjoni ddedikat b'miri ewlenin għall-2030. Il-prijoritizzazzjoni tal-implimentazzjoni kontinwa hija kruċjali, u se nintensifikaw l-isforzi permezz ta' **pjan ta' azzjoni ġdid għall-Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**.

Biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta nadifa, diġitali u soċjali, u kif imwiegħed fis-Summit tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse u d-Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperu, se nikkonkludu flimkien mat-trade unions u l-impjegaturi Ewropej Patt ġdid għad-Djalogu Soċjali. Fl-istess ħin, se nkomplu nikkonsultaw mas-sħab soċjali dwar il-kwistjonijiet kollha li huma ta' rilevanza għalihom. Din il-Kummissjoni hija impenjata wkoll li tkompli ssaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u tiżgura li l-perspettivi taż-żgħażaġh jiġu integrati fit-tfassil tal-politika. Permezz ta' sensiela ta' Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ, flimkien ma' inizjattivi oħra, l-informazzjoni intuwwittiva miż-żgħażaġh se tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politiki tal-UE.

Biex nagħmlu l-aħjar użu mill-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa – li huma fost l-aktar setturi dinamiċi u kompetittivi fl-ekonomija tagħna – se niżvilupaw qafas biex jiġu sfruttati d-diversi dimensjonijiet tal-kultura u l-wirt kulturali tagħna.

F'dinja li qed tinbidel, irridu niżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom l-edukazzjoni u t-taħriġ li jkunu jeħtieġu. L-**Unjoni tal-Ħiliet** se tindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet u fix-xogħol, filwaqt li tiżgura li n-negozji tagħna jkollhom aċċess għall-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati meħtieġa biex jixprunaw il-produttività u l-kompetittività tagħhom. Se tiżgura wkoll li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna jkollhom l-għodod it-tajba biex iħejju lill-Ewropej tal-ġenerazzjonijiet kollha għal futur li qed jinbidel malajr, permezz ta' edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi. Fl-istess ħin, se naħdmu biex niżguraw **impjiegi ta' kwalità** b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, standards għoljin għas-saħħa u s-sikurezza u negozjar kollettiv.

Il-konsumaturi għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija soċjali tas-suq tagħna, li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli u għal suq uniku aktar kompetittiv. Leġiżlazzjoni rivoluzzjonarja reċenti bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali kellha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur. Madankollu, jeħtieġ li nkomplu l-ħidma tagħna billi nindirizzaw in-nuqqasijiet, niproteġu lill-konsumaturi vulnerabbli u niżguraw l-infurzar. L-**aġenda tal-Konsumatur 2025-2030 li jmiss se tinkludi pjan ta' azzjoni ġdid dwar il-konsumaturi fis-suq uniku** biex b'hekk jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat li jiproteġi lill-konsumaturi mingħajr ma jpoġġi piż żejjed fuq il-kumpaniji b'burokrazija żejda.

### **3.4. Insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: biedja, sigurtà alimentari, ilma u natura**

L-Ewropa teħtieġ provvista sigura u affordabbli ta' ikel lokali ta' kwalità, li jiġi prodott b'mod sostenibbli mil-lat soċjali u ambjentali, li toffri lill-bdiewa introjtu ekwu u suffiċjenti, tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-biedja Ewropea u tirrispetta u tiproteġi l-ambjent naturali tagħna.

Filwaqt li tibni fuq l-eżitu tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agricoltura fl-UE, **Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel** se tiżgura qafas stabbli għall-bdiewa u tiddekrivi pjan direzzjonali għal proposti strateġiċi ewlenin. Il-viżjoni se tipprovdi wkoll perspettiva fit-tul għall-operaturi tan-negozju, inkluż l-bdiewa, is-sajjieda, l-SMEs u atturi oħra tal-katina alimentari.

L-oċeani u l-ibħra għandhom rwol importanti għall-prosperità, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-Ewropa, inkluż fil-kapaċità unika tagħhom li jirregolaw il-klima bħala l-akbar bir ta' karbonju tal-pjaneta. L-azzjoni biex jiġu mħarsa l-oċeani tagħna hija vitali, kemm fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-**Patt għall-Oċeani** se joħloq qafas ta' referenza uniku għall-politiki kollha relatati mal-oċeani u se jstabilixxi approċċ komprensiv għall-oċean fid-dimensjonijiet kollha tiegħu.

L-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma huwa waħda mill-akbar sfidi li qed niffaċċjaw fir-rigward tal-impatt tat-tibdil fil-klima. L-għargħar u n-nixfiet qed isiru n-norma, kif jixhdu l-avvenimenti traġiċi li laqtu lill-Ewropa f'dawn l-aħħar snin. Dwar ir-**reżiljenza tal-ilma**, se nieħdu approċċ mis-sors għall-baħar u nikkunsidraw firxa wiesgħa ta' sfidi fir-reġjuni tagħna

u fis-setturi biex niżguraw li s-sorsi tal-ilma jiġu mmaniġġjati kif xieraq, li jiġu indirizzati l-iskarsezza u t-tniġġis, u li nżidu l-kompetittività tal-industrija tal-ilma tagħna.

### **3.5. Niproteġu d-demokrazija tagħna, inħarsu l-valuri tagħna**

Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma l-pedamenti li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea. Madankollu, fid-dinja frammentata u polarizzata tal-lum, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala skontati. Hija r-responsabbiltà komuni tagħna li **niddefendu, niproteġu u nrawmu il-valuri ewlenin tagħna** b'mod kontinwu. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni se tapprofondixxi u tintensifika l-ħidma tagħha biex tiffaċċja l-isfidi għas-sistema demokratika tagħna, tiddefendi l-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha u tibni soċjetà inklużiva li tippermetti lil kulħadd jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tkompli bl-involviment tagħha mal-Istati Membri dwar l-istat tad-dritt u se tkompli tiżviluppa r-rapport annwali ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt biex tinkludi aspetti tas-suq uniku.

Id-demokraziji fl-Unjoni Ewropea, u madwar id-dinja, jinsabu taħt attakk minn żieda fl-estremiżmu, theddid kontra l-ġurnalisti, interferenza elettoral, it-tixrid ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u diversi forom ta' theddid ibridu. Dan qiegħed ikompli jiġi aggravat mid-diġitalizzazzjoni li twassal biex il-miżinformazzjoni tinxtered b'ħeffa mingħajr preċedent. It-**Tarka għad-Demokrazija** se tfittex li tindirizza n-natura li qed tevolve tat-theddid għad-demokrazija u l-proċessi elettoral tagħna. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tas-sistemi u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna u din il-Kummissjoni se żżid l-involviment tagħha **biex tappoġġa, tiproteġi u ssaħħa lis-soċjetà ċivili**.

L-Ewropa għamlet progress storiku fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, mit-trasparenza fil-pagi u l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji sal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u pagi minimi adegwati. Imma għad hemm aktar xi jsir. **Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa** qabel il-Jum Internazzjonali tan-Nisa 2025 se jistabbilixxi, fid-drittijiet u l-prinċipji, l-impenn kontinwu tagħna.

Id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew ir-razza ma għandhiex post fis-soċjetà tagħna, iżda għal ħafna nies fl-Ewropa din hija r-realtà ta' kuljum. Se nintegraw l-ugwaljanza fil-politiki kollha, u se nippreżentaw strateġiji ġodda dwar l-LGBTIQ u l-ġlieda kontra r-razziżmu.

### **3.6. Ewropa Globali: L-ingranaġġ tas-setgħa u s-sħubijiet tagħna**

F'kuntest globali, fejn l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tinsab dejjem aktar taħt pressjoni, **jeħtieġ li l-UE tkun aktar assertiva biex tasal għall-interessi strateġiċi tagħha**. Dan jinkludi li niddefendu l-ftuħ kummerċjali u ekonomiku tagħna, li huwa kruċjali għall-prosperità Ewropea, kif ukoll l-ġhoti ta' offerta komprensiva tal-UE fl-ambjent diġitali. Il-prijorità ewlenija tagħna se tkun li nkunu ta' spalla għall-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn u li naħdmu għal-libertà tagħha fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Dan se jseħħ

b'mod partikolari billi nibqgħu fit-triq lejn futur stabbli u sigur għall-Ukrajna bħala parti minn Unjoni akbar.

Il-futur tar-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq bħalissa qed jinkiteb mill-ġdid. L-UE trid tikkontribwixxi għal dan il-proċess, u tibqa' impenjata li tiżgura paċi ġusta, komprensiva u dejjiema fil-**Lvant Nofsani** abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati. Se nkomplu bil-ħidma tagħna biex nilħqu dan l-għan. L-UE trid issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Libanu, il-Ġordan, l-Iraq, l-Eġittu u fil-Baħar l-Aħmar, u tibni fuq il-progress li diġà nkiseb permezz tal-Isħubija Strateġika bejn l-UE u l-Golf. Irridu nibnu sħubija ġdida mas-Sirja u neżaminaw mill-ġdid l-istrateġija dwar l-Iran.

Il-**Patt għall-Mediterran** se jkollu l-għan li jagħti spinta lill-kooperazzjoni fir-reġjun u jrawwem sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku għaż-żewġt ixtut tal-Mediterran. B'dan il-mod, se jkun iċċentrat fuq in-nies u jiffoka fuq l-investment sostenibbli, l-istabbiltà ekonomika, il-ħolqien tal-impjiegi, l-enerġija, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, il-konnettività, is-sigurtà u l-migrazzjoni u l-mobbiltà, abbażi ta' interessi kondiviżi u valuri komuni.

B'mod simili, huwa meħtieġ approċċ strateġiku ġdid għar-reġjun tal-**Baħar l-Iswed** għat-tiħ tal-istabbiltà u r-reżiljenza.

Bħala sieħeb komuni fl-Asja, se naħdmu flimkien mal-Indja lejn **Aġenda strateġika UE-Indja** ġdida. Wara ż-żjara tal-Kulleġġ fl-Indja fil-bidu tal-mandat tiegħu, din l-aġenda l-ġdida se tipprovdi approċċ komprensiv biex jiġu identifikati oqsma ta' interess strateġiku komuni u l-inizjattivi li se jgħinu biex jiġu żgurati dawk l-interessi, f'konformità mal-prijoritajiet konġunti.

Billi nittrasformaw il-Global Gateway minn start-up għall-scale-up, permezz tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għall-investment sostenibbli fil-pajjiżi sħab, għandna l-għan li nagħtu spinta lill-kapaċità ta' investment strateġiku tagħna fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari billi nidifikaw miżuri ta' politika speċifiċi li jistgħu jintużaw fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-finanzjament sostenibbli f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju. Barra minn hekk, fil-kuntest politiku usa' se nivvalutaw kif l-aħjar nindirizzaw il-fraġilità tal-pajjiżi u l-kuntesti, fi ħdan id-disponibbiltajiet baġitarji attwali permezz tal-allinjament tal-politiki u l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti eżistenti rilevanti kollha.

### **3.7. Il-kisbiet tagħna u t-tħejjija tal-Unjoni tagħna għall-futur**

Matul l-aħħar ħames snin, l-Unjoni bdiet trasformazzjoni ambizzjuża filwaqt li tegħleb il-kriżijiet ta' din il-ġenerazzjoni, li jvarjaw mill-pandemija tal-COVID-19 sal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatti ekonomiċi sussegwenti. L-UE ppromulgat leġislazzjoni rivoluzzjonarja biex tagħmel progress fit-tranżizzjoni doppja u tagħti spinta lir-reżiljenza tagħna. Issa huwa essenzjali li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni u li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun adatta għall-futur, kemm finanzjarjament kif ukoll istituzzjonalment, mibnija fuq relazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni se tippreżenta **Baġit fit-Tul** ġdid tal-UE (Qafas Finanzjarju Pluriennali). Dan se jkun **allinjat aħjar** mal-prijoritajiet u l-oġettivi tagħna, immirat lejn fejn l-azzjoni tal-UE

hija l-aktar meħtieġa b'mod flessibbli. Dan se jkun aktar sempliċi fil-mod kif jaħdem u se jħalli aktar impatt u se jagħmel użu aħjar mill-baġit tagħna biex jingrana aktar finanzjament nazzjonali, privat u istituzzjonali.

Madwar 21 sena wara l-akbar mewġa ta' tkabbir u bil-viżjoni li nsaħħu l-Unjoni tagħna permezz ta' proċess ta' adeżjoni bbażat fuq il-mertu, irridu niżguraw li nkunu lesti għal Unjoni akbar. Bis-saħħa tat-tagħlimiet meħuda minn tkabbir preċedenti, l-UE issa hija ppreparata aħjar biex taġixxi bħala katalist għall-progress; u li tissaħħaħ hekk kif tikber. **Ir-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir** se jkomplu jivvalutaw il-konsegwenzi u l-impatti tat-tkabbir fuq il-politiki kollha tal-UE, jidentifikaw lakuni fil-politika, jispeċifikaw miżuri biex l-isfidi jinbidlu f'opportunitajiet u jesploraw għażliet biex itejbu l-governanza u l-kapaċità tal-UE li jaġixxu malajr, filwaqt li jiggarantixxu li l-politiki tagħna jkunu jistgħu jkomplu jagħtu riżultati effettivi f'Unjoni akbar.

Din il-Kummissjoni se **ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mal-Parlament u mal-Kunsill**, filwaqt li tiżgura t-trasparenza, l-akkontabbiltà u t-titjib fil-komunikazzjoni u fil-flussi ta' informazzjoni. Il-Kummissarji kollha se jkunu preżenti fil-Parlament Ewropew, se jinvolvu ruħhom mal-Istati Membri u se jipparteċipaw fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Filwaqt li naħdmu flimkien mal-Parlament se nirvedu malajr il-Ftehim Qafas tagħna, filwaqt li nsaħħu l-kooperazzjoni dwar ir-Riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament li jitolbu proposti leġiżlattivi bbażati fuq l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u se jiġġustifikaw kif xieraq l-użu tal-Artikolu 122 ta' dak it-Trattat f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ta' emerġenza.

#### **4. Rieżami tal-proposti li għad irid jintlaħaq qbil dwarhom mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill**

Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-proposti kollha li għadhom jridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-bidu tal-mandat tagħha u għamlet **valutazzjoni dwar jekk għandhomx jinżammu, jiġux emendati jew irtirati** fid-dawl tal-prijoritajiet ta' politika stabbiliti għall-mandat il-ġdid u l-prospetti tagħhom li jiġu adottati fil-futur qrib. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Wara din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni beħsiebha tirtira 37 proposta li għad irid jintlaħaq qbil dwarhom, elenkati fl-Anness IV, inkluża spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-irtirar. Dan jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom, qabel ma l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar jekk għandhiex tipproċedi bl-irtirar intiż.

Il-proposti pendenti li fadal huma elenkati fl-Anness III.

#### **5. Konklużjoni**

Il-bidu tal-mandat ta' din il-Kummissjoni qiegħed jikkoinċidi ma' żmien ta' taqlib globali kbir. Iżda huwa wkoll żmien ta' opportunità mill-aqwa, biex insawru l-Ewropa ta' għada. Dan il-programm ta' ħidma jniedi l-azzjoni ppjanata biex **jintlaħqu l-oġettivi u l-prijoritajiet ta' politika ambizzjużi** li stabbilejna għall-mandat. Dan iressaq strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni u

inizjattivi leġislattivi ewlenin li se jiffurmaw l-**elementi kostitwenti għal aktar ħidma** matul dan it-terminu biex nirreaġixxu għall-ambizzjoni tagħna li nibnu Ewropa b'saħħitha, sigura u prospera.

L-inizjattivi li se nippreżentaw, flimkien mad-**determinazzjoni u l-unità** meħtieġa, se jgħinuna nindirizzaw l-isfidi li qed niffaċċjaw. L-Unjoni tagħna wriet f'diversi ċirkostanzi x'tista' tikseb meta taġixxi flimkien. Din il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, is-settur privat, is-sħab soċjali, iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili. Billi ningħaqdu flimkien, se nsaħħu l-Unjoni tagħna u niżguraw li din taġixxi fejn għandha valur miżjud u twettaq l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-partijiet ikkonċernati Ewropej.